

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Tal-artijiet Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > Lithuania

## Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn  
Litwanja

Litwanja



Din it-taqsimha ttiprovdilek ħarsa ġenerali lejn ir-reġistru tal-artijiet tal-Litwanja.

### X'għandu x'joffri r-reġistru tal-artijiet Litwan?

Tista' ssib proprjeta' immobbli - inkluż art, bini u fondi separati - fir-[reġistru ta' proprjeta' immobbli](#) tal-Litwanja (Lietuvos nekilnojamojo turto registras). Hija disponibbli kemm dejta fattwali kif ukoll legali.

Id-dejta fattwali dwar il-proprjeta' tikkonsisti fit-tip ta' informazzjoni li ġejjin:

- L-erja
- L-għoli
- Il-volum
- Is-sena ta' kostruzzjoni
- L-isem tas-sid

Id-dejta legali dwar il-proprjeta' tinkludi:

- Ftehim ta' proprjeta' konġunta
- Deċiżjonijiet tal-qorti
- Servitù
- Ipoteki

Ir-reġistru huwa miżmum mill-intrapriża tal-istat ċentru tar-reġistri (Reġistru centras) u huwa superviżjonat mill-Ministeru tal-Ġustizzja.

Tista' ssib aktar informazzjoni fuq is-siti elettroniċi tal-[Amministratur tar-reġistru tal-proprjeta' immobbli tal-Litwanja](#) (Nekilnojamojo turto registro tvarkytojas) u r-[reġistru tal-proprjeta' immobbli](#) (Nekilnojamojo turto registras).

### L-aċċess għar-reġistru tal-artijiet tal-Litwanja huwa mingħajr ħlas?

Id-dejta dwar ir-reġistru tal-proprjeta' immobbli hija disponibbli bi ħlas biss.

### Kif tagħmel tiftixa fir-reġistru tal-artijiet tal-Litwanja

Tista' tfittex fir-reġistru skont il-kriterji li ġejjin:

- L-indirizz tal-proprjeta'
- In-numru uniku tal-proprjeta'
- Il-kodiċi ta' persuna legali (sid)
- Il-kodiċi personali ta' persuna naturali (sid). It-tiftix skont il-kodiċi personali ta' persuna naturali (sid) huwa ristrett.

# L-istorja tar-reġistru tal-artijiet tal-Litwanja

Ir-reġistru fih innifsu ġie stabbilit fl-1998, filwaqt li d-dejta mill-1958 hija miġbura fir-reġistru.

## Links relatati

[Intrapriża tal-istat Ċentru tar-reġistri](#) (valstybės įmonė Registrų centras)

[Informazzjoni dwar l-Artijiet Ewropea](#) (Europos žemės informacijos tarnyba)

---

■ L-aħħar aġġornament: 07/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.